

**II-konsultazzjoni pubblika onlajn dwar l-iskema ta' mobilità *L-ewwel impjieg*  
EURES tiegħek u l-opzjonijiet għal miżuri futuri tal-UE dwar il-mobilità tas-suq tax-  
xogħol intra-UE għaż-żgħażaġh**

*Din il-konsultazzjoni pubblika miftuħa onlajn qed issir fil-qafas tal-evalwazzjoni ex-post tal-azzjoni preparatorja "L-ewwel impjieg EURES tiegħek".*

**1. DWAR XIEX INHI?**

*Il-mobilità tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh u...*

Il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea huwa dritt minqax fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Art. 45) u rregolat iktar minn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE<sup>1</sup>. Jista' jikkontribwixxi biex tittejjeb l-allokkazzjoni tar-riżorsi u jservi bħala mekkaniżmu ta' aġġustament għal swieq tax-xogħol żbilanċati.

Wieħed mill-gruppi fil-mira li għandu l-ogħla propensità biex isir mobbli huma ż-żgħażaġh (għarfien tal-lingwi, l-attrazzjoni ta' esperjenzi ta' xogħol innovattivi, ebda responsabbiltà familjari, eċċ.). Ix-xogħol fi Stat Membru ieħor u l-ħajja f'ambjent kulturali differenti jistgħu jkunu partikolarment attraenti sabiex jinkisbu ħiliet u kompetenzi ġodda. Impjieg, traineeship jew apprendistat barra l-pajjiż jista' jtejjeb il-ħiliet lingwistiċi taż-żgħażaġh u jgħinhom ikunu aktar adattabbli u kunfidenti magħhom infushom. Ħaddiema żgħażaġh mobbli jistgħu wkoll ikunu sors rilevanti ta' innovazzjoni fl-impriżi, aktar flessibbli għall-mobilità u ta' spiss aktar pożittivi lejn il-bidla.

Il-qgħad fost iż-żgħażaġh ħareġ bħala l-wirt prinċipali fis-settur tal-impjeggi tal-kriżi ekonomika. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh (taħt il-25 sena) jaffettwa madwar 20.4% taż-żgħażaġh fl-UE-28, b'rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh li jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, minn inqas minn 10% (jiġifieri l-Awstrija, il-Ġermanja) għal aktar minn 40% tal-popolazzjoni attiva (eż. il-Greċja u Spanja).

Madankollu, għad hemm ħafna ostakli li jtellfu l-moviment liberu fil-prattika. Iż-żgħażaġh ma tantx jieħdu opportunitajiet ta' xogħol f'pajjiżi oħra jew għax ma jkunux konxji tagħhom, minħabba kwistjonijiet legali u prattiċi jew minħabba l-ispejjeż u l-inċertezza li jmorru jgħixu barra minn pajjiżhom. Ir-rata annwali ta' mobilità transfruntiera (0.2%)<sup>2</sup> bejn il-pajjiżi tal-UE għada ferm taħt il-livell irregjistrat fil-pajjiżi tal-OECD, li hi b'mod ċar mhux biżżejjed għal suq tax-xogħol dinamiku b'dimensjoni Ewropea. Id-dejta tas-suq tax-xogħol turi li l-Ewropa għandha nuqqas u eċċess ta' ħaddiema tas-sengħa, jiġifieri hemm ħafna postijiet tax-xogħol battala li jibqgħu vojta minħabba nuqqas ta' ħaddiema xierqa.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 5.04.2011 dwar il-Moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ĠU L 141, 27.05.2011, p.1, u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 29.04.2004 dwar Id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, ĠU L 158, 30.04.2004, p.77

<sup>2</sup> [http://europa.eu/rapid/press-release MEMO-14-541\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release MEMO-14-541_en.htm)

... l-iskema ta' mobilità mmirata "L-ewwel xogħol EURES tiegħek"

Il-President Juncker, fil-linji gwida politiċi tiegħu, enfasizza li l-Kummissjoni 2014-2019 se tippromovi l-mobilità tas-suq tax-xogħol mhux biss bħala dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema, iżda wkoll bħala opportunità ekonomika - speċjalment fid-dawl ta' postijiet tax-xogħol battala persistenti u nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u l-isfida ta' ekonomija globalizzata.

Sabiex jittejjeb l-aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg fl-Ewropa kollha, iċ-ċittadini żgħażaġħ tal-UE jeħtieġu informazzjoni, appoġġ għat-tqabbil tax-xogħol u s-sejbien tax-xogħol, possibilment kombinati ma' inċentivi finanzjarji. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' **skemi ta' mobilità mmirati jew inizjattivi ta' mobilità oħrajn**<sup>3</sup>.

Għall-mobilità tas-suq tax-xogħol intra-UE taż-żgħażaġħ, il-Kummissjoni qed tittestja l-iskema **L-ewwel impjieg EURES tiegħek (YFEJ)** biex tipprovi għajjnuna għat-tiftix tax-xogħol imfassla apposta għalihom u servizzi ta' reklutaġġ għal żgħażaġħ bejn it-18 u t-30 sena, flimkien ma' appoġġ finanzjarju. Din ġiet implimentata fil-qafas tal-inizjattiva ewlenija "Żgħażaġħ mobbli"<sup>4</sup> u l-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ<sup>5</sup>. Għall-kuntrarju tal-attivitajiet *ibbażati fuq it-tagħlim* ta' Erasmus+, YFEJ toffri servizz biex jinstab *impjieg ibbażat fuq ix-xogħol* – xogħol, traineeship jew apprendistat bi ħlas - fi Stat Membru ieħor li jdum tal-inqas 6 xhur. Għandha l-għan li trawwem ir-rabta taż-żgħażaġħ mas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni tagħhom fih.

Fil-format tagħha ta' azzjoni preparatorja (il-baġit tal-UE 2011-2013), l-iskema YFEJ kienet implimentata permezz ta' sejħiet għal proposti bil-ħsieb li jiżguraw 5000 post tax-xogħol. Total ta' 15-il proġett (EUR 12-il miljun) għenu madwar 4300 żaġħżuġħ u żaġħżuġħa. L-innovazzjoni tal-iskema tinsab fl-appoġġ dirett ipprovdut lill-persuni li qed ifittxu impjieg u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ibbażati fuq għażliet ta' spejjeż issimplifikati (eż. rati fissi u somom f'daqqa). In-natura tal-miżuri ta' appoġġ u tal-appoġġ finanzjarju korrispondenti taħt l-azzjoni preparatorja tal-YFEJ hi spjegata fid-dettall fl-Anness II. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li ġiet konkluża fl-2014<sup>6</sup> ikkonfermat ir-rilevanza, il-valur miżjud u l-komplementarjetà tagħha għal skemi oħra nazzjonali u tal-UE ta' mobilità.

Mill-2014 'l hawn, YFEJ hi ffinanzjata taħt l-Assi EURES tal-Programm tal-UE għall-Impjegji u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI 2014-2020)<sup>7</sup>. Fil-qafas ta' dan il-programm, il-Kummissjoni tista' timplimenta skemi ta' mobilità mmirati sabiex *"timla postijiet tax-xogħol battala f'ċertu settur, okkupazzjoni, pajjiż jew grupp ta' pajjiżi jew għal gruppi partikolari ta' ħaddiema, bħaż-żgħażaġħ, b'tendenza li jkun mobbli, fejn ġiet identifikata ħtieġa ekonomika ċara"*.

<sup>3</sup> Ara l-Anness I

<sup>4</sup> COM(2010)477 finali

<sup>5</sup> COM(2011)933 finali

<sup>6</sup> <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=1160&newsId=2136&furtherNews=yes>

<sup>7</sup> <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1083&langId=en>

Taħt l-EaSI, il-kategorija ta' età tal-kandidati hija minn 18 sa 35 u l-ambitu ġeografiku jinkludi n-Norveġja u l-Iżlanda (il-pajjiżi li jipparteċipaw fiż-ŻEE - Żona Ekonomika Ewropea). L-għotjiet lill-organizzazzjonijiet implimentattivi jdumu 24 xahar. Fl-2014, ġew iffinanzjati żewġ proġetti ta' madwar EUR 3.5 miljun kull wieħed - EURES Italja u EURES Żvezja, it-tnejn li huma f'konsorzju ma' membri oħra ta' EURES. Iż-żewġ proġetti għandhom l-għan li jwasslu għal 2400 post tax-xogħol. Is-sejħa għall-proposti tal-2015, b'madwar EUR 8 miljun, kellha tliet fażijiet ta' pubblikazzjoni fl-2015. Ingħataw EUR 2.5 miljun għal proġett immexxi minn EURES Franza. Sa kmieni fl-2016 jistgħu jingħataw għotjiet għal wieħed jew żewġ proġetti oħra.

## 2. L-GĦAN TA' DIN IL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA ONLAJN TAL-UE

Il-Kummissjoni qed twestaq evalwazzjoni ex-post tal-azzjoni preparatorja ta' YfEJ. L-objettiv huwa li, minn naħa, wieħed iħares b'mod partikolari lejn il-kriterji ta' evalwazzjoni li ġejjin: *l-effettività, l-effiċjenza, il-komplementarjetà u l-valur miżjud tal-UE, is-sostenibbiltà, l-impatt u l-governanza tal-azzjoni*. Ir-rilevanza u l-koerenza tal-iskema se jiġu eżaminati wkoll. L-evalwazzjoni, min-naħa l-oħra, se tanalizza l-benefiċċji tal-azzjoni billi twestaq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u teżamina l-impatti potenzjali ta' opzjonijiet differenti għall-futur ta' skema ta' dan it-tip.

L-għan ta' din il-konsultazzjoni pubblika, li hi ppubblikata fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, hu li jinġabru ideat u kontribuzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati differenti taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)<sup>8</sup>, b'mod partikolari mill-benefiċjarji jew l-implimentaturi tal-iskema, il-partijiet ikkonċernati fis-suq tax-xogħol u ċ-ċittadini. Il-kwestjonarju se jiffoka kemm fuq mistoqsijiet ta' evalwazzjoni ex-post kif ukoll fuq xi xenarji possibbli għall-futur tal-iskema YFEJ.

*Nixtiequ nisimgħu mingħandek!*

Għandu jeħodlok biss ftit minuti biex twieġeb il-kwestjonarju. Il-kontribuzzjoni tiegħek hi importanti ħafna. Tista' tibgħat il-fehmiet tiegħek minn Jannar sa April 2016<sup>9</sup>. Se jkun hemm anness bis-sommarju ta' analiżi konsolidata u anonima tat-twegġibiet kollha għall-kwestjonarju mar-rapport ta' evalwazzjoni ex-post finali u se jiġi ppubblikat fuq il-portal Europa.

*Għandek xi mistoqsijiet dwar din il-konsultazzjoni?*

Jekk jogħġbok ibgħat email lil: [EMPL-CONSULTATION -YFEJ@ec.europa.eu](mailto:EMPL-CONSULTATION-YFEJ@ec.europa.eu)

*Aktar informazzjoni dwar l-iskema YFEJ*

<http://eures.europa.eu>

<http://ec.europa.eu/social/yourfirsteuresjob>

<sup>8</sup> Il-pajjiżi tal-UE-28 kif ukoll in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein

<sup>9</sup> Ara d-dati fuq: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=333&langId=en>

## DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ

Jekk jogħġbok ħu nota li dan id-dokument ta' konsultazzjoni jorbot biss lis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea involuti fit-tnejjija tiegħu, hu mħejji għall-kummenti u ma jirriflettix il-format finali ta' kwalunkwe deċizzjoni li se tiegħu l-Kummissjoni Ewropea.

Jekk jogħġbok aqra d-**dikjarazzjoni ta' privatezza** għal informazzjoni dwar kif se jiġu ttrattati d-dejta personali u l-kontribuzzjoni tiegħek.

Grazzi tal-parteċipazzjoni tiegħek.

Annex I

### *Strumenti nazzjonali u tal-UE li jrawmu l-mobilità taż-żgħażaġħ*

- **EURES**

L-UE tiffaċilita l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-mobilità intra-UE billi tappoġġja lil **EURES**<sup>10</sup>. EURES huwa n-netwerk bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) tat-28 pajjiż tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein (l-Iżvizzera tipparteċipa wkoll) u l-Kummissjoni li għandha l-għan li tiżgura t-trasparenza tas-swieq tax-xogħol.

EURES, li ġie mniedi fl-1993, joffri skambji ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg u jipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol. Jiffaċilita l-mobilità intra-UE għall-kategoriji kollha tal-ħaddiema u ta' età.

Il-kompiti ewlenin tal-membri ta' EURES huma li jinfurmaw u jassistu lill-persuni li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi li għandhom x'jaqsmu mal-mobilità minħabba xogħol. Attivitajiet bħal dawn jitwettqu fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali, fl-għamla ta' servizzi elettroniċi, help desks, u fieri tal-impjiegi u l-uffiċċji tal-PES. Għandu netwerk uman ta' aktar minn 1000 Konsulent ta' EURES. Fil-livell tal-UE l-Kummissjoni Ewropea tħaddem portal li jipprovdi aċċess għall-postijiet tax-xogħol battala, bażi ta' dejta onlajn għas-CV u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi wkoll appoġġ orizzontali ieħor lill-organizzazzjonijiet membri f'għamla ta' programm ta' taħriġ, portal għall-ġestjoni tal-avvenimenti (Jiem tal-Impjiegi Ewropej Onlajn), għodod għall-komunikazzjoni interna, servizz ta' helpdesk għall-portal u attivitajiet ta' taġlim reċiproku, inkluż dwar kif tista' tikkomunika u taħdem ma' dawk li jħaddmu u li qed ifittxu impjieg b'mod effettiv u kosteffiċjenti.

Bħalissa EURES jinsab għaddej minn riforma, li bdiet fl-2014 b'Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2012 (2012/733/UE). Din għandha l-għan li twassal biex EURES jingħata direzzjoni ġdida lejn servizzi aktar orjentati lejn ir-riżultati u aktar effiċjenti. F'Jannar 2014 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Netwerk Ewropew tas-Servizzi tal-Impjiegi, biex jieħu post il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 u biex

---

<sup>10</sup> <http://eures.europa.eu>

ikompli jimmodernizza lil EURES. Dan huwa strument ewlieni tal-UE għall-promozzjoni tal-mobilità fl-UE kollha f'konformità mal-Artikolu 46 tat-TFUE. Il-proposta regolatorja hija fl-istadju finali tal-proċess leġiżlattiv u hi mistennija tidħol fis-seħħ fl-2016.

### Appoġġ għall-mobilità tas-suq tax-xogħol intra-UE

Bħala parti mill-programm ta' ħidma tagħha għall-2016, il-Kummissjoni se tippreżenta *Pakkett dwar il-Mobilità tas-Suq tax-Xogħol*. L-objettivi tiegħu huma li jappoġġja l-mobilità tas-suq tax-xogħol u jindirizza l-abbuż permezz ta' koordinazzjoni aħjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u r-rieżami mmirat tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema. Dan il-Pakkett (Komunikazzjoni) jista' jinkludi wkoll informazzjoni dwar EURES imtejjeb kif ukoll dwar L-ewwel impjieg EURES tiegħek u l-futur tagħha bħala skema ta' mobilità mmirata.

- **Il-programmi ta' mobilità tal-UE**

Fil-livell Ewropew hemm azzjonijiet ta' mobilità bħall-programm tal-UE 2014-2020 għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport **Erasmus+**<sup>11</sup>, jew il-programm ta' skambju tal-UE għall-imprendituri **Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ**<sup>12</sup>.

Taħt il-programm Erasmus+, il-mobilità taż-żgħażaġh u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol huma diġà appoġġjati b'opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali. Dawn l-azzjonijiet jiffukaw primarjament fuq l-offerta ta' esperjenza ta' *tagħlim* ta' mobilità temporanja fi Stat Membru ieħor, jiġifieri l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), bħala parti mill-programm ta' kwalifika tal-istudenti u l-apprendisti fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. Taħt il-programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ, għalkemm mhux esklużivament għaż-żgħażaġh, dan jagħti imprendituri potenzjali u stabbiliti dan l-aħħar l-għarfien li hu ċentrali għall-ħolqien u t-tmexxija ta' negozju ġdid, permezz ta' skambji ma' imprendituri ta' esperjenza.

- **Strumenti nazzjonali**

Fil-livell nazzjonali, huma disponibbli miżuri u skemi oħra f'xi Stati Membri biex irawmu l-mobilità tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż u intra-UE. In-natura ta' dawn l-istrumenti, l-ambitu u l-għanijiet tagħhom ivarjaw b'mod sinifikanti. L-Istati Membri jiddependu ħafna fuq is-servizzi tan-netwerk ta' EURES. Għadd żgħir biss ta' pajjiżi joffru appoġġ finanzjarju dirett u skemi mfassla apposta għall-mobilità tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż u intra-UE. Xi wħud minn dawn il-miżuri huma kofinanzjati mill-FSE.

Għall-perjodu 2014-2020, l-Istati Membri ġew mistiedna jinkludu attivitajiet ta' mobilità tas-suq tax-xogħol intra-UE u attivitajiet EURES fit-territorju nazzjonali fil-programmi operazzjonali tagħhom taħt il-FSE. Mhux l-Istati Membri kollha ddeċidew li jagħmlu dan.

---

<sup>11</sup> [http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/index_mt.htm)

<sup>12</sup> <http://www.erasmus-entrepreneurs.eu/index.php?lan=en>

## FARSA ĠENERALI LEJN L-AZZJONI PREPARATORJA TA' YFEJ\*

<b>X'INHI L-ISKEMA "L-EWWEL IMPJIEG EURES TIEGĦEK"?</b>	<b>L-ewwel impjieg EURES tiegħek</b> hija skema pilota ta' mobilità tal-UE implimentata bejn l-2012 u l-2015. Kellha l-għan li tgħin liż-żgħażaġh isibu impjieg jew opportunità ta' taħriġ ibbażati fuq ix-xogħol f'pajjiż ieħor tal-UE-28 u lill-impjegaturi jsibu ħaddiema għall-postijiet tax-xogħol battala tagħhom li jkunu diffiċli li jimlew.	
<b>GRUPPI FIL-MIRA</b>	<b>Żgħażaġħ</b>	<b>Impjegaturi</b>
<b>KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ GĦALL-GRUPPI FIL-MIRA</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Età ta' 18 sa 30 fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni</li> <li>• Ċittadin ta' UE-28 jew resident legali fi kwalunkwe Stat Membru</li> <li>• Qed ifittex impjieg f'pajjiż ieħor ta' UE 28</li> <li>• Mhux neċċessarjament kandidat mobbli għall-ewwel darba</li> <li>• Ikollu xi kwalifika jew esperjenza ta' xogħol</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Organizzazzjonijiet/negozji stabbiliti legalment fil-pajjiżi kollha tal-UE 28, irrISPETTIVAMENT mid-daqs tal-kumpanija jew mis-settur ekonomiku</li> <li>• Konformi mal-liġijiet tax-xogħol u fiskali applikabbli fil-pajjiżi fejn huma stabbiliti</li> <li>• Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, jiġifieri negozji b'sa 250 impjegat) jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju</li> </ul>
<b>POSTIJET TAX-XOGĦOL</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• <i>Postijiet tax-xogħol (sejħiet 1 &amp; 2) + traineeships u apprendistati (sejħa 3)</i></li> <li>• Jinsabu f'pajjiż tal-UE 28 ieħor li mhux il-pajjiż tar-residenza tal-kandidati</li> <li>• Konformi mal-liġijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali nazzjonali u suġġetti għal informazzjoni miftuħa u trasparenti dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet</li> <li>• Jiżguraw paga (jiġifieri salarju) u relazzjoni kuntrattwali bil-miktub ta' mill-inqas 6 xhur</li> <li>• Ikunu postijiet tax-xogħol fuq bażi full-time jew part-time (mhux inqas minn 50% ekwivalenti ta' full time)</li> <li>• Il-postijiet ta' traineeship u apprendistat għandhom jiżguraw l-</li> </ul>	

	objettivi ta' tagħlim xieraq ibbażati fuq ix-xogħol u miżuri ta' appoġġ kif ukoll jipprovdu rikonoxximent xieraq ta' eżitu (jiġifieri ċertifikat/dikjarazzjoni bil-miktub)
<b>ESKLUŻIONIJET</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Ċittadini, impjegaturi u postijiet ta' xogħol minn pajjiżi mhux fl-UE-28</li> <li>• Ħaddiema stazzjonati</li> <li>• Postijiet ta' xogħol f'istituzzjonijiet u korpi tal-UE jew f'organizzazzjonijiet jew aġenzijij internazzjonali simili oħra (eż. in-NU, I-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, eċċ.)</li> <li>• Postijiet ta' xogħol staġjonali jew temporanji oħra b'tul kuntrattwali ta' inqas minn 6 xhur</li> <li>• Traineeships vokazzjonali jew kwalunkwe għamla oħra ta' appoġġ ta' taħriġ li jiffirma parti minn rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni professjonali obligatorji, pereżempju professjonijiet fil-kura tas-saħħa jew legali</li> </ul>

		<b>Żgħażaġħ</b>		<b>Impjegaturi (SMEs)</b>	
		<b>Miżura</b>	<b>Kontribuzzjoni finanzjarja (ammonti għal kull kandidat)</b>	<b>Miżura</b>	<b>Kontribuzzjoni finanzjarja (għal kull impjegatur)</b>
<b>MIŻURI TA' APPOĠĠ</b>	APPOĠĠ FINANZJARJU DIRETT	<i>Benefiċċju għall-ivvjaġġar għall-intervista (kwalunkwe Stat Membru)</i>	Minn EUR 200 sa EUR 300 skont id-distanza (< jew => 500 km)	Programm ta' integrazzjoni għall-ħaddiem(a), trainee(s) jew apprendist(i) mobbli ġdid(ġodda);	Tvarja minn EUR 400 għal EUR 1200 għal kull kandidat, skont il-pajjiż ta' destinazzjoni u t-tip ta' programm ta' integrazzjoni (bażiku jew komprensiv)
		<i>Benefiċċju tar-rilokazzjoni</i>	Tvarja minn EUR 600 għal EUR 1200 skont il-pajjiż ta' destinazzjoni	Dan jista' jikkonsisti f'tal-inqas wieħed minn dawn li ġejjin (taħriġ bażiku):	
		<i>Kors tal-lingwa</i>	Rimborż ta' spejjeż iddikjarati attwali sa EUR 1200	— taħriġ ta' induzzjoni professjonali	
		<i>Rikonoxximent tal-kwalifiki</i>	Rimborż ta' spejjeż iddikjarati attwali sa EUR 1000	— kors tal-lingwa	
		<i>Benefiċċju tar-rilokazzjoni supplimentari</i>	Rimborż ta' spejjeż iddikjarati eleġibbli sa EUR 500	Kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq jistgħu jiġu kkombinati ma' appoġġ amministrattiv u l-faċilitazzjoni ta' residenza fit-tul (taħriġ komprensiv).	
	MIŻURI OĦRA TA' APPOĠĠ	Servizzi tal-impjieg ta' YFEJ meqjusa li jipprovdu pakkett komprensiv ta' servizzi ta' appoġġ għal kandidati żgħażaġh minn qabel u wara t-tqegħid fl-impjieg.			

		<p>Jistgħu jkunu disponibbli s-servizzi li ġejjin <u>mingħajr ħlas</u>:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Taħriġ preparatorju (Taħriġ fil-lingwa qabel it-tluq u/jew wara l-wasla jew kull taħriġ ieħor meħtieġ) għall-kandidati magħżula kollha;</li> <li>— Appoġġ ta' mentoring għat-trainees u l-apprendisti reklutati;</li> </ul>	
--	--	--	--

*\* Sa mill-2014, YFEJ tkomplet bħala skema TMS-YFEJ taħt l-Assi EURES tal-programm EaSI, bit-tibdil minuri li ġej: a) il-kategorija tal-età tal-kandidati zgħażaġh ġiet estiża għal 35; b) l-ambitu ġeografiku ġie estiż għall-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, jiġifieri n-Norveġja u l-Iżlanda, u c) ammonti riveduti għal appoġġ finanzjarju.*